MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Numru. 209/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Samantha Mifsud**

**Kumpilazzjoni Nru: 209/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra  Samantha Mifsud, ta’ 44 sena, bint Emanuel u Josephine nee’ Saliba, imwielda Pieta’ fl-20 ta’ Dicembru 1970, residenti fil-fond bin-numru 44, Stareway to Heaven, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Birkirkara u detentrici tal-Karta ta’ l- Identita’ bin-numru 19071M.

Akkuzata talli fil-11 ta’ Ottubru 2014 ghall-habta ta’ 1:30pm u/jew hinijiet wara mill-fond BHS li jinsab Triq Haz-Zabbar, Fgura u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta’ hwejjeg u/jew oggetti ohra liema serq hu kkwalifikat bil-valur u persuna ghad-detriment ta’ Marisa Farrugia u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi f’dawn il-gzejjer xjentament xtrat jew laqat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor li kienet indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti jikkonsistu fi hwejjeg u/jew oggetti ohra proprjeta’ ta’ Marisa Farrugia mill-Fgura u/jew persuni ohra.

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma  llum l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsdra l-pozizzjoni taghha.

Rat d-dikjarazzjoni ta’l-ufficjal prosekutur li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata. Peress li t-tieni imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta’l-imputata; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------